MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 1/2010

**Assistent Kummissarju tal-Pulizija Dr. Anthony sive Antoine Casha**

**Vs**

**Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat mill-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Dr. Anthony sive Antoine Casha fid-19 ta’ Jannar 2010, permezz ta’ liema jitlob li t-Tribunal ihassar id-decizjoni moghtija mill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment fil-konfront tieghu fil-11 ta’ Jannar 2010 u minflok jiddikjara li huwa jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega skond l-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex jigi ezentat mill-hlas tat-taxxa ta’ registrazzjoni fuq il-vettura ta’ l-ghamla Peugeot 307 bin-Numru ta’ Registrazzjoni CDX-504 u li ghaldaqstant ghandu jinghata l-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta’

registrazzjoni fuq l-imsemmija vettura, bl-ispejjez kontra l-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investment;

Ra d-decizjoni moghtija mill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment datata 11 ta' Jannar 2010 a fol. 3 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment ipprezentata fil-5 ta' Frar 2010, permezz ta' liema jopponi ghall-Appell tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigi michud bl-ispejjez kontra tieghu, stante li: (i) ir-Rikorrent ma jissodisfax ir-rekwiziti elenkati taht l-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi ai termini tal-Ligi Internazzjonali membru tal-Korp Diplomatiku jibqa' meqjus bhala residenti fil-pajjiz illi huwa jirrapprezenta, u dan skond kif deciz mit-Transport Appeals Board fil-kaz "Vanessa Frazier v. ADT"; (ii) l-allegazzjoni tar-Rikorrent relatata ma' agir diskriminatorju hija infondata stante li fil-kaz specifiku li jirreferi ghalih ir-Rikorrent ma kienetx ingabet a konjizzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment li l-applikant f'dak il-kaz kien membru tal-Korp Diplomatiku Malti u ghalhekk f'tali cirkostanzi r-rifjut tat-talba tar-Rikorrent kien wiehed gustifikat; (iii) illi nonostante suespost, il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' dan it-Tribunal;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2011[1], ix-xhieda ta' Herald Bonnici moghtija waqt is-seduti tat-28 ta' Novembru 2011[2] u tat-23 ta' Jannar 2012[3] u ra d-dokument esebit minn Herald Bonnici waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2012 markat Dok. "HB1" a fol. 29 tal-process;

Ra l-applikazzjoni sottomessa mir-Rikorrent ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi a tenur ta' l-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta, esebita mill-Ministeru intimat permezz ta' Nota pprezentata fl-1 ta' Frar 2012 a fol. 30 sa' 36 tal-process;

---

[1] Fol. 16 sa' 18 tal-process.
[2] Fol. 27 tal-process.
[3] Fol. 29A u 29B tal-process.

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent ipprezentata fil-21 ta' Frar 2012 a fol. 37 sa' 41 tal-process u ra n-Nota Responsiva tal-Ministeru intimat ipprezentata fil-15 ta' Gunju 2012 a fol. 46 u 47 tal-process;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B'applikazzjoni sottomessa fit-2 ta' Lulju 2009[4] ir-Rikorrent talab li l-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment jikkoncedilu ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura ta' ghamla Peugeot 307 bin-Numru ta' Registrazzjoni CDX-504 ai termini ta' l-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta. B'ittra datata 11 ta' Jannar 2010[5] ir-Rikorrent gie infurmat mill-Ministeru intimat li *the Board cannot favourably consider your application in view of the fact that you have performed duties at the Permanent Representation of Malta in the European Union. Thus you are considered to be a member of the Diplomatic Service and will remain for all intent and purposes of the law as being resident in Malta.* Ir-Rikorrent jikkontesta d-decizjoni tal-Ministeru intimat ghaliex skontu, kuntrarjament ghal dak konkluz mill-istess Ministeru, huwa jissodisfa r-rekwiziti kollha elenkati fl-Att dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jinghata ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi u ghaliex tali decizjoni hija diskriminatorja fil-konfront tieghu stante li fil-kaz ta' terza persuna li kellha cirkostanzi identici ghal dawk tieghu l-Ministeru intimat kien ikkonceda l-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjon fuq il-vetturi.

Il-Ministeru intimat jopponi l-Appell interpost mir-Rikorrent mid-decizjoni tal-11 ta' Jannar 2010 u jitlob li l-istess jigi michud u d-decizjoni konfermata, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, ghaliex kuntrarjament ghal dak minnu pretiz huwa ma jissodisfax ir-rekwiziti elenkati fl-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-fini ta' ezenzjoni mill-

[4] Fol. 31 sa' 36 tal-process.
[5] Fol. 3 tal-process.

hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi, stante li bhala membru tal-Korp Diplomatiku Malti huwa jibqa' meqjus bhala residenti fil-pajjiz li huwa jirrapprezenta, ossia Malta, u dana skond kif deciz mit-Transport Appeals Board f'kaz simili li jgib l-ismijiet "Vanessa Fraizer v. ADT". Il-Ministeru intimat in oltre jikkontendi li ma kien hemm ebda agir diskriminatorju fil-konfront tar-Rikorrent ghar-raguni li fil-kaz li ghalih jaghmel referenza r-Rikorrent il-Ministeru ma kienx a konoxxenza tal-fatt li l-applikant f'dak il-kaz kien membru tal-Korp Diplomatiku Malta.

Fiz-zmien meta r-Rikorrent issottometta l-applikazzjoni tieghu ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi l-Artikolu 19(2) u (3) tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta kien jipprovdi li: *(2)(a) Il-Ministru responsabbli ghall-finanzi jista', b'ordni u bla hsara ghal kull kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni, jezenta kull persuna mill-hlas ta' xi taxxa jew parti minn taxxa jew minn xi obbligu impost taht dan l-Att. (b) Ezenzjoni bhal din tista' tinghata b'effett retrospettiv. (c) Il-Ministru responsabbli ghall-finanzi jista' jirrevoka kull ordni li jsir taht dan l-artikolu. (3) Ezenzjonijiet mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni u, dwar vetturi provvisti taht is-subparagrafi (ii) sa' (vii) hawn aktar 'l isfel, ukoll, mill-hlas ta' drittijiet ta' licenza ta' cirkolazzjoni jkunu applikabbli meta l-vettura bil-mutur – (i) tkun proprjetà personali ta' individwu privat u tingieb permanentement f'Malta mill-individwu meta dan jittrasferixxi r-residenza tieghu minn post barra minn Malta ghal post f'Malta: Izda vettura bil-mutur li ddahhlet f'Malta fl-1 ta' Lulju, 2008, jew wara dik id-data, minn persuna li hadet ir-residenza taghha f'Malta fit-3 ta' Novembru, 2008, jew wara dik id-data, tkun tikkwalifika ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni*. L-Artikolu 19(5) kien jipprovdi li *l-ezenzjonijiet taht is-subartikolu (3) ghandhom jinghataw taht dawk il-kondizzjonijiet kif il-Ministru jista' jispecifika b'regolamenti*.

Ir-Regolamenti in kwistjoni huma r-Regoli dwar Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur, Legislazzjoni Sussidarja 368.01, u r-regolament specifiku huwa r-Regolament 4 li fiz-zmien meta r-Rikorrent issottometta l-applikazzjoni tieghu kien jipprovdi taht is-

subregolament (1) li: *l-ezenzjoni taht is-subartikolu (3)(i) tal-artikolu 19 ta' l-Att tinghata lil vettura bil-mutur li tkun proprjetà personali ta' invidwu privat u tkun qed tigi impurtata jew tkun qed tingieb b'mod permanenti f'Malta mill-individwu meta jkun qed jittrasferixxi r-residenza tieghu minn post barra minn Malta ghal post f'Malta: Izda – (a) dik il-persuna trid tkun ilha tghix barra minn Malta ghal perijodu kontinwu ta' aktar minn erbgha u ghoxrin xahar qabel it-trasferiment tar-residenza taghha lejn Malta; (b) il-vettura bil-mutur tkun ilha fil-pussess taghha u tkun ilha tuzaha barra minn Malta ghal ta' l-anqas erbgha u ghoxrin xahar qabel id-data li fiha hu ma baqax ikollu r-residenza tieghu barra minn Malta; (c) tkun registrata f'isihma jew f'isem wahda jew wiehed mill-konjugi fejn dan ikun japplika; (d) dik il-persuna jkollha licenza tas-sewqan valida; (e) il-vettura tkun trid tigi impurtata jew migjuba f'Malta fi zmien tnax-il xahar minn meta l-individwu jitrasferixxi r-residenza tieghu; (f) il-vettura ma tkunx tista' tinbiegh, tinghata lil xi hadd, tintrema, tinkera jew tigi mislufa wara l-vettura tigi impurata jew imdahhla f'Malta sakemm ma tithallasx fuqha t-taxxa ta' registrazzjoni relatata ma' dik l-ezenzjoni skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ewwel u t-Tieni Skeda li jinsabu ma' l-Att.*

Mill-atti processwali u mill-provi prodotti jirrizulta b'mod car li l-Ministeru intimat mhux qed jikkontesta l-fatt li r-Rikorrent kien ilu jghix barra minn Malta ghal perijodu kontinwu ta' aktar minn 24 xahar qabel ma rritorna lura Malta, li ghandu licenza tas-sewqan valida u li l-vettura ta' l-ghamla Peugeot 307 bin-Numru tar-Registrazzjoni CDX-504 hija proprjetà personali tieghu, hija registrata f'ismu u kienet ilha fil-pussess tieghu u juzaha barra minn Malta ghal ta' l-anqas 24 xahar qabel ma irritorna lura Malta. Il-kontestazzjoni tal-Ministeru intimat hija li ghalkemm ir-Rikorrent bhala fatt kien jghix barra minn Malta, senjatament Brussel, siccome f'dak il-perijodu kien membru tal-Korp Diplomatiku Malti, ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi jitqies li baqa' residenti Malta u ghalhekk ma jistax jibbenefika mill-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi a tenur ta' l-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-bazi tad-decizjoni tal-Ministeru intimat fil-konfront tar-Rikorrent tohrog cara min-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu pprezetata fil-15 ta' Gunju 2012[6] fejn gie sottomess illi: *ir-raguni principali wara c-cahda ta' l-applikazzjoni mill-esponent lill-Applikant hija bbazata purament fuq decizjoni illi l-predecessur ta' dan it-Tribunal, u cioè t-Transport Appeals Board, kien ha fil-konfront ta' Vanessa Frazier. Is-Sinjorina Frazier kienet membru tal-Korp Diplomatiku. F'din is-sentenza, it-Transport Appeals Board kien stqarr illi: "A member of the Diplomatic Service will remain for all intents and purposes of the law as being resident in Malta". Dan huwa kuncett illi jezisti fil-kamp tal-Ligi Internazzjonali Pubbliku u din id-dicta tidher illi giet estiza fil-konfront ta' l-applikant, fejn fl-ittra l-esponent stqarr illi l-applikazzjoni kienet ser tigi rifjutata abbazi tal-fatt illi "you [appellant] have performed duties at the Permanent Representation of Malta in the European Union. Thus you are considered to be a member of the Diplomatic Service and will for all intent and purposes of the law as being resident in Malta". Fil-prattika tfisser illi peress illi tali persuna, l-Appellant f'dan il-kaz, baqa' residenti f'Malta nonostante li fizikament kien jghix go Brussel, huwa ma setghax jibbenefika minn ezenzjoni moghtija lil persuni illi jghixu barra minn Malta u jistabilixxu r-residenza taghhom gewwa Malta. L-appellant*

Wara li qies il-provvedimenti enuncjati fil-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01, partikolarment kif applikabbli fiz-zmien meta r-Rikorrent issottometta l-applikazzjoni tieghu ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi, it-Tribunal ma jistax jikkondividi d-decizjoni tat-Transport Appeals Board kif moghtija fil-kaz "Vanessa Frazier v. ADT" u konsegwentement ghalhekk lanqas ma jista' jikkondividi d-decizjoni li l-Ministeru intimat ha fil-konfront tar-Rikorrent.

Ir-Regolament 2 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 kif applikabbli fiz-zmien meta ir-Rikorrent issottometta l-applikazzjoni tieghu kien ifisser il-frazi "trasferiment ta'

[6] Fol. 46 u 47 tal-process.

residenza”, li huwa l-kuncett centrali ghall-finijiet ta’ l-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta’ registrazzjoni fuq il-vetturi a tenur ta’ l-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta’ Malta, bhala *t-trasferiment attwali tar-residenza abitwali ta’ persuna ghall-post il-gdid li jkun jidher li jkun dak li fih tkun riallokat. Il-fatt li persuna tkun giet f’Malta biex twettaq xoghol specifiku ta’ tul definit ma’ ghandux jinftiehem li dik il-persuna tkun trasferiet ir-residenza taghha f’Malta*. Ai termini ta’ l-istess Regolament il-frazi “residenza abitwali” giet imfissra bhala *il-post fejn il-persuna koncernata tkun stabbiliet, u jkollha l-hsieb li zzomm, ic-centru permanenti jew abitwali ta’ l-interessi taghha. Il-kiri ta’ appartament ghal perijodu ta’ anqas minn sena ma jkunx jaghti prova sufficjenti tat-trasferiment tar-residenza abitwali*.

Fil-fehma tat-Tribunal it-talba tar-Rikorrent ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta’ registrazzjoni fuq il-vettura ta’ l-ghamla Peugeot 307 bin-Numru ta’ Registrazzjoni CDX-504 ghandha tigi kkunsidrata u deciza fid-dawl u a bazi ta’ dawn iz-zewg kuncetti kif imfissra fil-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 – ossia r-Regoli dwar Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta’ Vetturi bil-Mutur – u mhux a bazi tal-kuncett ta’ residenza referibilment ghal membru tal-Korp Diplomatiku kif imfisser fid-Dritt Pubbliku. Ladarba hawn si tratta ta’ Ligi specjali – ossia ligi specifika dwar ezenzjoni mill-hlas ta’ taxxa fuq il-vetturi – il-kuncetti applikabbli huma dawk kif specifikament provduti w imfissra fiha u mhux kuncetti normalment applikabbli fid-dritt generali.

Waqt is-seduta tad-19 ta’ Mejju 2011[7] ir-Rikorrent xehed illi *jiena membru fil-Korp tal-Pulizija u fl-2003 intaghzilt biex inkun membru tar-rapprezentanza permanenti ta’ Malta fl-Unjoni Ewropeja fi Brussel. Fil-fatt f’Novembru 2003 jiena mort Brussel u fil-fatt kelli akkomodazzjoni tieghi hemmhekk u fil-fatt kont nghix hemmhekk. Kont ninzel Malta fis-sajf u forsi ghal xi gimgha fil-Milied. Jiena gejt lura f’Gunju 2009. Ir-raguni ghalfejn gejt lura kienet ghax f’Dicembru 2008 gejt promos minn kariga ta’ supretendent ghal dik ta’ Assistent Kummissarju tal-*

[7] Fol. 16 sa’ 18 tal-process.

*Pulizija u ghalhekk gejt miltub lura Malta biex inkompli l-funzjonijiet tieghi fi hdan il-Korp. Meta jiena gejt biex nigi lura Malta, naturalment ridt innizzel l-affarijiet personali tieghi, ghaliex matul dawk is-sitt snin l-affarijiet tieghi kienu qeghdin hemmhekk fosthom il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CDX-504 ta' l-ghamla Peugeot 307.*

Minn din ix-xhieda, li ma giet bl-ebda mod kontradetta mill-Ministeru intimat, jirrizulta li bejn Novembru 2003 u Gunju ta' l-2009 ir-Rikorrent kien stabilixxa c-centru abitwali ta' l-interessi tieghu gewwa Brussel u ghalhekk ghall-finijiet effetti kollha ta' l-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 2 u 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01, f'dak iz-zmien huwa kellu r-residenza abitwali tieghu gewwa Brussel u f'Gunju 2009, meta rritorna lura Malta, effettivament ittrasferixxa r-residenza tieghu – mifhuma appuntu bhala r-residenza abitwali tieghu – minn Brussel ghal hawn Malta. Dana kollu jfisser li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-Ministeru intimat, ir-Rikorrent jissodisfa wkoll ir-rekwizit tar-residenza kif rikjest mill-Att dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjat ta' Vetturi bil-Mutur u mill-Legislazzjoni Sussidjarja relattiva u ghaldaqstant ghandu d-dritt jibbenefika mill-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura ta' l-ghamla Peugeot 307 bin-Numru ta' Registrazzjoni CDX-504 a tenur ta' l-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-Rikorrent jikkontendi wkoll li d-decizjoni tal-Ministeru intimat fil-konfront tieghu hija mhux biss zbaljata izda addirittura diskriminatorja ghaliex *il-Ministeru ta l-ezenzjoni hawn mitluba fil-kaz ta' individwu iehor li l-fattispeci tal-kaz tieghu huma identici ghal dawk tar-rikorrent*[8]. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu[9] r-Rikorrent jelabora dan l-aggravju billi jikkontendi li d-decizjoni mehuda fil-konfront tieghu kienet *sorpriza kbira peress li din l-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni nghatat lil persuna ohra (Jean Micallef Grimaud) li bhar-rikorrent kien jahdem fi Brussel fl-istess Rapprezentanza Permanenti ta' Malta ghall-UE, u gie lura Malta bil-vettura CDX-716 fl-istess perijodu Mejju/Gunju 2009.*

[8] Rikors promotur.
[9] Fol. 37 sa' 41 tal-process.

Fil-fehma tat-Tribunal fil-kaz in ezami ma kien hemm ebda agir diskriminatorju da parte tal-Ministeru intimat fil-konfront tar-Rikorrent. Jirrizulta li ghalkemm fil-31 ta' Lulju 2009[10] il-Ministeru intimat kien laqa' talba ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi fir-rigward tal-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni CDX-716 proprjetà ta' Jean Pierre Micallef Grimaud, xi zmien wara fil-kaz "Vanessa Frazier v. ADT" it-Transport Appeals Board kien cahad talba simili in bazi ghall-konsiderazzjoni li *a member of the Diplomatic Service will remain for all intents and purposes of the law as being resident in Malta.* Wara dik id-decizjoni l-Ministeru intimat baqa' jsegwi u japplika dak l-insenjament u kien ghalhekk it-talba tar-Rikorrent gie michuda. Ladarba l-Minsiteru intimat kien qed jsegwi tali insenjament pronuncjat mit-Transport Appeals Board fil-kaz imsemmi, ossia "Vanessa Frazier v. ADT", ma jistax jinghad li l-istess Ministeru agixxa b'mod diskriminatorju fil-konfront tar-Rikorrent. Il-fatt li dan it-Tribunal ma jikkondividix ir-ragunament u konsegwenti konkluzjoni raggunta mit-Transport Appeals Board fil-kaz "Vanessa Frazier v. ADT" ma jirrendix id-decizjoni tal-Ministeru intimat bhala agir diskriminatorju fil-konfront tar-Rikorrent.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk jirrizulta li l-Appell tar-Rikorrent mid-decizjoni tal-Ministeru intimat datata 11 ta' Jannar 2010 in kwantu bbazat fuq l-aggravju li dik id-decizjoni hija zbaljata ghaliex huwa effettivament jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega a tenur ta' l-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 – kif applikabbli fiz-zmien meta ssottometta l-applikazzjoni tieghu – sabiex jinghata l-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni CDX-504, ghandu jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara li r-Rikorrent effettivament jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega a tenur ta' l-Artikolu 19 tal-

[10] Dok. "HB1" a fol. 29 tal-process.

Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 – kif applikabbli fiz-zmien meta ssottometta l-applikazzjoni tieghu – sabiex jinghata l-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni CDX-504, jilqa' l-Appell interpost mir-Rikorrent mid-decizjoni tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investment datata 11 ta' Jannar 2010 u jirrevoka l-imsemmija decizjoni, u jidderigi lill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investment biex jikkoncedi lir-Rikorrent l-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura ta' l-ghamla Peugeot 307 bin-Numru ta' Registrazzjoni CDX-504.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------